PR202328

**20/11/2020**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva mingħand il-kummerċjant, l-imsemmi prodott **m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni b'pestiċida (Ethlyene oxide) fil-ġunġlien li ntużaw għall-produzzjoni tal-istess prodott.**

F'dawn l-aħħar ġimgħat nstab li l-kimika *ethylene oxide* setgħat kienet qed tintuża biex tikkontrolla xi organiżmi fil-ġunġlien, imkabbra u esportati mill-Indja. Madanakollu, l-użu ta' *ethylene oxide* mhux approvat li jintuża fil-pajjiżi tal-UE, għalkemm huwa permess li jintuża f'pajjiżi barra l-UE, bħall-Indja. F'livelli għoljin u espożizzjoni fit-tul, jista' jkun karċenoġenu.

| | |
|---|---|
| Prodott: | Dark Tahini |
| Ditta: | Meridian |
| Piż: | 270g |
| Data tad-Durabbiltà Minima:: | L-aħjar qabel 30 11 2021 |
| Lott: | 0234 L1 |



Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.